# *L-aħħar ħbit tal-Ottomani - 6 ta' Lulju 1614*

*Keith Muscat*

Jekk wieħed iżur il-knisja antika ta' San Girgor fiż-Żejtun, għadu jista' jara irħama kommemorattiva li tfakkar l-aħħar ħbit tal-Ottomani fuq il-gżejjer Maltin. Din il-ġrajja seħħet nhar is-6 ta' Lulju 1614, propju erba' mitt sena ilu.

Flotta magħmula minn madwar sittin galera tat-Torok ankraw f'post imsejjaħ Għizira fl-inħawwi tal-bajja ta' Wied il-Għajn u fil-Bajja ta' San Tumas. Minn hemm, minħabba li ma tantx sabu reżistenza, l-Ottomani għamlu ħerba minn kull ma sabu quddiemhom. Huma attakkaw u għamlu ħsara lill-knisja parrokkjali l-antika taż-Żejtun (iddedikata lil Santa Katerina, imma magħrufa bħala ta' San Girgor). Meta raw hekk il-battaljun taż-Żwieten, immexxi minn Klement Tabone, flimkien mall-kavallerija tal-Ordni u l-milizja, ħabtu għall-għadu. Din it-taqtiegħa saret fl-inħawwi taż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, f'post magħruf bħala Buleben. Il-Maltin u l-Kavallieri irnexxielhom jirribattu l-attakk tal-Ottomani u filwaqt li ma kien hemm ebda' mwiet fost l-Insara, mhux l-istess jista' jingħad għan-naħa l-oħra.



Meta raw li l-attakk tagħhom ma kienx se jħalli l-frott mixtieq it-Torok salpaw bil-ħsieb li jattakkaw l-inħawi ta' fuq tal-gżira. Huma fil-fatt ippruvaw jidħlu fil-port ta' San Pawl il-Baħar iżda l-għan tagħhom sfaxxa għax beżgħu mill-kanuni li kien hemm fuq it-Torri San Pawl, mibni erba' snin qabel minn Wigniacourt.

Dan l-attakk kompla juri kemm kienet ta' mportanza d-difiża kostali, bħall-fortizzi, fosthom dawk ta' San Tumas u ta' San Luċjan, f'Marsascala u Marsaxlokk rispettivament u t-torrijiet kostali, ewlieni fosthom dak ta' San Pawl il-Baħar.